**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2019**

**Rikors Guramentat numru:- 12/2019 JVC**

**Maria Rita Buttigieg**

**-vs-**

**Louis Farrugia u martu Maryanne Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-

1. illi permezz ta' kuntratt datat sebgha (7) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) Louis Farrugia f'ismu proprju kif ukoll f'isem u in rapprezentanza ta' martu Maryanne Farrugia ddikjara rwiehhom veri, certi u likwidi debituri versu Mary Rita Buttigieg ghas-somma ta' erbghin elf tmien mija u tlieta u disghin Euro (€40,893) rapprezentanti flus mislufa brevi manu kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata dokument "A";
2. illi mid-data tal-istess kuntratt, il-konjugi Farrugia ghamlu xi hlasijiet versu l-atturi;
3. illi l-ammont dovut versu mary Rita Buttigieg huwa dak ta' sebgha u tletin elf u tlieta u disghin Euro (€37,093).
4. Illi l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jekk ikunu moruzi fil-hlas tad-debitu, l-attrici jkollha dritt illi awtomatikament titlob il-hlas lura tas-somma kollha dovuta fl-interezza taghha kif ukoll illi jibdew jiddekorru l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tad-dovut pagament mensili sal-effettiv pagament.

5. Illi, inoltre, il-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li f'kaz li l-pagamenti ma jigux onerati jibda japplika l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont misluf brevi manu;
6. Illi permezz ta' l-ittra ufficjali numru 2373/2017 ippreentata fit-tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) l-intimati gew interpellati sabiex ihalsu dan l-ammont.
7. Illi nonostante din l-interpellazzjoni l-intimati baqghu nadempjenti.
8. Illi minkejja li l-konvenuti jaqblu l-ammont imsemmija huma dovuti, l-intimati qeghdin jirrifjutaw li jhaslu dan l-ammont.
9. Illi ghaldaqstant l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet attrici.

Talbet li din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

1. Tiddikjara li l-intimati huma debitrici fil-kofnront ta' Mary Rita Buttigieg fl-ammont ta' sebgha utletin elf u tlieta u disghin Euro (€37,093) ghar-ragunijeit fuq indikati.
2. Tikkundannahom sabiex ihalsu lill-attrici din l-istess somma flimkien mal-imghax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' l-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata nkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 373/2017 ipprezentata fit-tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tal-lum.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimati;

Tilqa' t-talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront ta' Mary Rita Buttigieg fl-ammont ta' sebgha u tletin elf u tlieta u disghin euro (€37,093) ghar-ragunijiet fuq indikati.

Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici din l-istess somma flimkien mal-imghax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) sad-data tal-pagament effettiv.

In vista tal-verbal tal-lum il-Qorti tordna li din id-decizjoni jkollha effett fi zmien sitt xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur